**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Marzu 2025**

Rikors Numru 66/2025 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 827/2000)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

Illi l-partijiet iżżewġu fis-7 ta' Ġunju 2000 fir-Registru Taż-Żwieg, 197, Triq il-Merkanti, Valletta liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 827/2000 kif jirriżulta miċ-ċertifikat anness u immarkat Dok 'A'.

Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Frar 2024 fil-kawża fl-ismijiet A B vs C D B

u dan kif jirriżulta mill-annotazzjonijiet fiċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness.

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Illi l-esponent tixtieq tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioe 'E'.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitllob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi.

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha cioe "E".

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku..

Rat ir-risposta li ġit preżentata minn l-intimat li permezz taghha ppremetta:

Illi l-esponenti u l-intimat kienu zzewgu nhar is-sebgha (7) ta' Gunj utas-sena elfejn (2000) hekk kif indikat fir-rikors promotur;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' sentenza moghtija minn dina 1-Onorabbli Qorti diversament preseduta nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024);

Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal magorrenni u t-tnejn li huma jahdmu full time.

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijijet;

Illi l-komunjoni tal-akkwisti giet xolta permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi;

Illi l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu li qieghed jigi mmarkat bhala **DOK JFV01**

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghaldaqstant l-mittenti ma ghandu l-ebdu l-ebda oggezzjoni sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Frar 2025;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Frar 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat it-talba tar-rikorrenti sabiex tirreverti għall-kunjom tagħha ta' xebba ossija "E". Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "E", tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti meħtiega f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru

Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.